MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 150/2003

**Citazzjoni numru 150/2003**
**J.M. Vassallo Vibro Blocks Limited.**
**Vs.**
**Pilastri Limited**

**Il-Qorti;**
**Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet :-**

**Illi is-socjeta attrici J.M. Vassallo Vibro Blocks Limited hija kreditrici tas-socjeta konvenuta Pilastri Limited fis-somma ta' tmienja u sebghin elf, erba' mija u sitta u erbghin lira u hamsa u tletin centezmu (LM78,446.35) prezz ta' hadid u materjal ta' kostruzzjoni mibjugha u konsenjata lilhom oltre is-somma ta' disa' t'elef seba' mija u hamsa u sittin lira (Lm9,765) imghaxijiet legali sal-31 ta' Dicembru, 2002, b'kollox (Lm88,211.35);**
**Illi minkejja li is-socjeta konvenuta giet interpellata biex thallas, ghalkemm ma qajmet ebda oggezzjoni ghall-ammont baqghet ma halsitx;**

**Illi jesistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu l67 sa l70 tal-Kodici ta' Procedura Civili stante li id-dejn fuq immi huwa cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta attrici is-socjeta konvenuta m'ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra it-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont;**

**Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:-**

**1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu l67 sa l70 tal-Kodici tal-Procedura Civili u**

**Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' tmienja u sebghin elf, erba' mija u sitta u erbghin lira u hamsa u tletin centezmu (LM78,446.35) prezz ta' hadid u materjal ta' kostruzzjoni mibjugha u konsenjata lilhom oltre is-somma ta' disa' t'elef seba' mija u hamsa u sittin lira (Lm9,765) imghaxijiet legali sal-31 ta' Dicembru, 2002, b'kollox (Lm88,211.35);**

**Bl-ispejjes komprizi tal-ittra interpellatorja tas-27 ta' Lulju, 2002 u bl-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' Jannar, 2003 sad-data tal-pagament effettiv kontra is-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.**

**Rat in-nota ta' riduzzjoni;**

**Rat il-verbal tas-seduta tallum;**

**Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet attrici kif ridotti bl-imghaxijiet kif mitluba u; bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------